**30 ta' Ġunju, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Paolo Farrugia

*versus*

Giuseppe Mifsud

**Pagament — Prova**

*Jekk tnejn minn nies ikunu jippossjedu dirett dominju in komun, u bejniethom ikun hemm ċerta prattika, fis-sens illi, fil-waqt li għall-ewwel kienu jirċievu ċ-ċens it-tnejn, jiffirmaw l-irċevuta t-tnejn, u mbagħad jaqsmu l-introjtu "hic et nunc", wara adottaw mod ieħor, billi bdew wieħed jiġbor iċ-ċens ta' sena u l-ieħor jiġbor iċ-ċens tas-sena ta' wara, alternattivament , mhux il-każ li tiġi applikata r-regola illi min jeċċepixxi l-pagament huwa mgħobbi bil-piż li jipprova dak il-pagament, jekk sieħbu jazzjonah għal sehmu miċ-ċens li jkun inġabar l-aħħar; imma hu dak li jitlob sehmu taċ-ċens li għandu jipprova li kien hemm xi ħaġa in deroga ta' dik il-prattika, jew b'modifika tagħha, li ħolqot il-kreditu pretis minnu.*

Il-Qorti:— Rat l-avviż preżentat mill-attur fil-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta, li bih talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas u jirrifondi lilu s-somma ta' £6. 13. 1½d, sehmu miċ-ċens tal-fond Windsor Street Pawla, li hu nkassa dan l-aħħar; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra nterpellatorja, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti taż-17 ta' April 1962, li biha dik il-Qorti ddeċidiet billi ċaħdet it-talba tal-attur; bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu. Dik il-Qorti kkunsidrat;

Il-kontendenti kienu xtraw bejniethom dirett dominju ta' £13. 6. 3d fis-sena. L-attur jippretendi li l-konvenut inkassa ċ-ċens sħieħ għas-sena 1962, u għalhekk jippretendi minn għand il-konvenut nofs iċ-ċens, li hu sehmu;

Dan iċ-ċens jitħallas minn għand Manwel Galea u Antonio Ellul, li kull wieħed minnhom iħallas £6. 13. 1½d fis-sena. Il-partijiet eżibew diversi kotba tar-riċevuti . . . . ;

*Omissis;*

Dwar l-irċevuti taċ-ċens imħallas minn Ellul għandu jingħad li dik tat-23 ta' Jannar 1961 ġiet firmata mill-konvenut, fil-waqt li dik tat-23 ta' Jannar 1962 ġiet ffirmata mill-attur; kull waħda minn dawn iż-żewġ riċevuti hija għall-ammont ta' £6. 13. 1½d; u għalhekk iż-żewġ kontendenti ġew ħadu daqs insew;

Rat in-nota tal-appell tal-attur fol. 13, u ċ-ċitazzjoni tiegħu fol. 14 li biha talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti tirrileva, "per modum regulae". illi, contuttocchè l-proċess fil-Qorti Ċivili Inferjuri huwa sommarju, b'dan kollu f'dan il-każ, stante partikolarment ix-xorta tal-istanza, kien ferm azzardat mill-parti tal-attur li lanqas biss jispeċifika fl-avviż għal liema perijodu preċiżament kien dovut ir-rimbors ta' sehmu miċ-ċens. L-anqas fix-xhieda tiegħu fol. 4 l-attur ma ta l-ispjegazzjoni li l-lum quddiem din il-Qorti ġiet verbalizzata fol. 25, imma rriferixxa vagament għas-sena 1962;

Mid-dokumenti eżibiti, jew aħjar minn dawk li għandhom x'jaqsmu verament ma' din il-vertenza, il-konklużjoni ġusta hi dik raġġunta mill-Ewwel Qorti, għar-raġunijiet li jinsabu fis-sentenza mpunjata;

F'din is-sede, l-appellant qiegħed isemmi ċirkustanza li ma tirriżultax fix-xhieda tiegħu fl-ewwel istanza, u qiegħed jitlob biex jipproduċi xhud biex jikkonferma din l-allegata ċirkustanza. Dan ix-xhud hu ibnu stess. Din kienet ċirkustanza li l-appellant kien tabilfors jaf biha fit-trattazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, u li, kieku kienet vera, ma setgħetx tisfuġġilu l-espedjenza li jsemmiha. L-anqas seta' ma jkunx jaf bix-xhieda ta' ibnu stess. Milli jidher, l-attur irid issa joħloq versjoni ġdida biex jattakka biha l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti. Ix-xhud l-ieħor offert huwa ntis biss biex jikkonferma kliem żgarbati tal-konvenut li ma jinfluwixxux fuq il-meritu tal-każ;

Fiċ-ċirkustanzi tal-każ, din il-Qorti jidhrilha li għandha toqgħod fuq ir-riżultat tal-eżami tal-irċevuti rilevanti, u ma tħossx li tista' taċċetta l-versjoni li issa qiegħed jagħti l-attur f'din l-istanza fix-xhieda tiegħu, partikolarment stante l-versjoni spjegattiva li, in ripulsa, ta' l-konvenut appellat fix-xhieda tiegħu, ukoll mogħtija quddiem din il-Qorti;

Din il-Qorti mhijiex ta' fehma li għandha takkolji t-talba għall-produzzjoni tax-xhieda ġodda. Mhux dik ta' bin l-appellant, Paolo Farrugia għax dan kien bilfors jaf bih, u setà u kien imissu pproduċieh quddiem il-Qorti tal-Ewwel Grad, u l-appellat oppona ruħu għall-produzzjoni tardiva; u l-Qorti ma tistgħax tgħid li n-neċessità jew utilità tagħha nqalgħet "ex abrupto" f'dan l-istadju; u mhux ta' Joseph Soler, li hi rrilevanti, in kwantu biha l-appellant irid jipprova l-atteġġjament ostili tal-konvenut;

Hu ta' mportanza li jiġi rilevat li dan ma hux il-każ li wieħed jgħid li l-prova tal-pagament tinkombi lil min jallegaħ; għaliex f'dan il-każ, għar-rigward tar-riċezzjoni taċ-ċens possedut in komune, kien hemm ċerta prattika bejn il-kontendenti; ċjoè, għall-ewwel bdew jirċievu ċ-ċens ittnejn, jiffirmaw l-irċevuta t-tnejn, u jaqsmu l-introjtu "hic

et nunc", mbagħad adottaw mod ieħor, vwoldiri bdew wieħed jiġbor ta' sena u l-ieħor tas-sena ta' wara, alternattivament; u huwa għalhekk l-attur li għandu jipprova li saret xi ħaġa "in deroga" ta' dik il-prattika, jew b'modifika tagħha, li ħolqot il-pretis kreditu — dak li hu ma rnexxielux jagħmel;

Għalhekk, prevju riġett tal-provi offerti, tiddeċidi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, ispejjeż kontra l-attur appellant.